**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Seduta ta` nhar l-Erbgħa 15 ta` Novembru, 2017.**

**Talba Nru: 384/2017PA**

**GO plc**

**vs**

**Michael Baldacchino**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fil-25 ta` Awissu 2017 li permezz tiegħu s-soċjeta` attriċi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut iħallasħa s-somma ta` tmien mija u għaxar Ewro u tlett ċenteżmi (€810.03ċ) in konnessjoni ma’ servizzi miġbura fil-kontijiet numri 40007613, 10137088 u 10137089, wara li l-istess konvenut baqa’ ma ħallasx minkejja li kien debitament interpellat biex jagħmel dan. Is-soċjeta` attriċi talbet ukoll li l-konvenut jiġi kundannat iħallas l-ispejjeż u d-drittijiet, inkluż dawk tal-ittra uffijċali 1642/2015, u l-imgħax mill-10 ta` Settembru 2015 meta ġiet preżentata l-istess ittra uffiċjali.

Ra d-dokumenti ppreżentati mis-soċjeta` attriċi mal-Avviż tat-Talba, senjatament (i) prospett tal-ħlasijiet mitluba fuq il-kontijiet mertu ta` din il-kawża (Dok. A1 sa A3, fol. 2 sa 19); (ii) kopja tal-kuntratti li s-soċjeta` attriċi kellħa mal-konvenut (Dok. B1 sa B3, fol. 20 a 27); (iii) estratt mir-Reġistru Elettorali (Dok. C, fol. 28) u (iv) affidavit ta`

Charmaine Psaila Raji għas-soċjeta` attriċi li kkonfermat li l-ammont mitlub huwa dovut (Dok. D, fol. 28(ii)).

Ra li l-konvenut kien debitament notifikat bl-Avviż tat-Talba u bl-Avviż tas-Smigħ, pero` baqa' ma ppreżentax Risposta u lanqas deher biex jikkontesta l-kawża.

Sema' x-xiehda ta` Charmaine Psaila Raji, rappreżentanta tas-soċjeta` attriċi, li kkonfermat li l-konvenut baqagħlu jħallas lill-istess soċjeta` attriċi l-ammont mitlub b'din il-kawża, għas-servizzi indikati fl-Avviż tat-Talba.

Jidhirlu li din it-talba tas-soċjeta` attriċi tirriżulta suffiċjentement pruvata, fil-kontumaċja tal-konvenut.

Ivverifika mir-Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) li s-soċjeta` attriċi kienet effettivament intavolat l-ittra uffiċjali eżekuttiva bin-numru 1642/2015 kontra l-konvenut fl-10 ta` Settembru 2015, li pero` baqgħet mhix notifikata lilu.

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta` u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba attriċi, u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta` tmien mija u għaxar Ewro u tlett ċenteżmi (€810.03ċ), bl-imgħax u bl-ispejjeż kif mitluba fl-Avviż tat-Talba.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Ġudikatur**